



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2011/0368(COD)

17.9.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi
(COM(2011)0753 – C7-0445/2011 – 2011/0368(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dominique Riquet

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-pakkett finanzjarju indikattiv

Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ġunju 2011 dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss¹, il-Kummissjoni pproponiet baġit għall-affarijiet interni ta' EUR 10 911 miljun għall-perjodu 2014-2020 (madwar 1% tal-baġit tal-UE).

Din iċ-ċifra tkopri mhux biss l-infiq fi programmi finanzjarji (inkluż dan attwali), iżda wkoll il-finanzjament ta' sistemi tal-informatika fuq skala kbira u għall-aġenziji deċentralizzati attivi fil-qasam tal-affarijiet interni:

Baġit għall-affarijiet interni 2014-2020²	Miljuni ta' Euro (prezzijiet attwali)
Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil <i>inkluż il-programm dwar ir-risistemazzjoni u n-netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni</i>	3 869
Fond għas-Sigurtà Interna <i>inklużi s-sistemi l-ġodda ta' informazzjoni fuq skala kbira</i>	4 648
Is-sistemi attwali ta' informatika fuq skala kbira u l-aġenzija inkarigata minnhom	822
Total parzjali	9 339
Aġenziji ³	1 572
Total	10 911

Bħal fpolitiki oħrajn, il-Kummissjoni tipproponi li l-istruttura tal-programmi finanzjarji taħt l-intestatura 3A tiġi simplifikata billi l-għadd ta' Fondi jitnaqqas għal tnejn: "Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil" u l-"Fond għas-Sigurtà Interna" attwali.

Il-Fond għas-Sigurtà Interna se jkollu baġit indikattiv ta' EUR 4 648 miljun (bil-prezzijiet attwali) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna u approċċ koerenti għall-kooperazzjoni fl-infurzar, inkluża l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE.

Il-qsim tal-fondi bejn il-programmi nazzjonali u l-azzjonijiet tal-Unjoni

Fi ħdan dan il-pakkett globali, ir-riżorsi indikattivi disponibbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament speċifiku jammontaw għal EUR 1 128 miljun:

¹ COM(2011)500 finali tad-29 ta' Ġunju 2011

² Sors: Komunikazzjoni "Bini ta' Ewropa miftuħa u sigura: il-baġit tal-affarijiet interni għall-2014-2020" - (COM(2011)0753)

³ L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL), il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX), l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (BEA) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (OEDT)

	Miljuni ta' Euro
Fond għas-Sigurtà Interna¹ (inklużi s-sistemi ta' informatika ġodda)	4 648
- strument dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija	1 128
- strument dwar il-fruntieri	3 520

B'mod indikattiv, 50 % ta' dan l-ammont (EUR 564 miljun) għandhom jintużaw għal programmi nazzjonali tal-Istati Membri filwaqt li l-50 % l-oħra (EUR 564 miljun) għandhom jiġu ċentralment ġestiti għall-finanzjament ta' azzjonijiet tal-Unjoni, azzjonijiet ta' emerġenza u għajnuna teknika..

Il-komponenti differenti tal-programm

Il-fond se jkopri l-azzjonijiet attwalment finanzjati mill-programmi speċifiċi ISEC (Il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-terroriżmu) u CIPS (Prevenzjoni, Tħejjija u Mmaniġġjar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà; Il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità), kif ukoll dawk finanzjati mill-"Fond għall-Fruntieri Esterni".

Fir-rigward tas-**sigurtà interna**, il-fond se jipprovdi għajnuna finanzjarja għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali u l-kriminalità organizzata kbira, u għall-ġestjoni tal-kriżijiet u l-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi tal-UE. Il-Fond se jgħin billi jsaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġijiet, pereżempju fis-sostenn finanzjarji ta' operazzjonijiet konġunti bejn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-puling tar-riżorsi, l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki jew it-taħriġ għall-aġenti tal-pulizija.

Se jingħata wkoll finanzjament għall-iżvilupp ta' għodod komuni, inklużi sistemi interoperabbli tal-informatika u kanali sikuri ta' komunikazzjoni bejn l-Istati Membri.

Biex tiġi miġġielda t-theddida li qiegħda tikber taċ-**ċiberkriminalità**, se jingħata appoġġ finanzjarju bil-ħsieb tal-ħolqien ta' ċentru li jippermetti lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jibnu l-kapaċità operazzjonali u analitika għall-investigazzjonijiet u l-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali.

Il-fond għandu wkoll **dimensjoni esterna** bil-għan li jappoġġja l-azzjonijiet maħsuba fil-pajjiżi terzi, u b'rabta magħhom. Dawn il-finanzjamenti huma mfassla u implimentati b'mod koerenti mal-azzjoni esterna tal-UE (mhumiex destinati biex jappoġġjaw azzjonijiet ta' żvilupp) u se jikkumplimentaw l-għajnuna finanzjarja mogħtija mill-istrumenti ta' għajnuna esterna.

¹ Il-Fond huwa maħluq f'forma ta' żewġ atti separati: dan ir-regolament dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi; u r-regolament dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika komuni dwar il-viżi.

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

F'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi implimentati fil-qafas tal-ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni tipproponi tqassim tal-fondi bejn l-Istati Membri kkalkulat abbażi ta' kriterji oġġettivi u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri, li se jitqassmu lil dawn l-aħħar fil-bidu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali l-ġdid. Dan jiżgura l-kontinwità tal-finanzjament u joffri lill-Istati Membri l-prevedibilità li għandhom bżonn biex jippjanaw il-programmi nazzjonali tagħhom b'mod adegwat.

Biex jiġi evalwat il-progress, l-Istati Membri jridu jirrappurtaw kull sena r-riżultati miksuba fil-qafas tal-programmi tagħhom u tal-ġestjoni finanzjarja tagħhom. Id-djalogu politiku jerġà jitkompla f'każ li Stat Membru jitlob li jsiru tibdiliet fil-programm multiannwali tiegħu.

Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jridu jitwaqqfu mill-Istati parteċipanti se jkunu simplifikati. B'konformità mar-regolament finanzjarju rivedut, huma se jkollhom l-għan li jsaħħu r-responsabilità billi jagħtu r-responsabilità għall-ġestjoni finanzjarja lil awtorità waħda, biex inaqqsu l-għadd ta' livelli ta' kontroll u biex jikkontribwixxu ħalli tingħata assikurazzjoni fuq il-kontijiet, il-funzjonament xieraq tas-sistema, il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u r-rispett tal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja fis-sod.

L-opinjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur jipproponi f'tit emendi sabiex jinżammu għadd ta' prinċipji baġitarji meta jkun qed jiġi implimentat dan ir-regolament. L-implimentazzjoni għandha tkun trasparenti, effikaċi u ċara, u tipprivileġġa approċċ ibbażat fuq ir-riżultati ffukat fuq azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew b'saħħtu.

Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi element ta' ġestjoni kondiviża fl-implimentazzjoni tar-regolament attwali, ir-rapporteur jinsisti li l-ġestjoni ċentralizzata għandha tkun ir-regola, bil-għan li jitjiebu l-effiċjenza u l-kontroll tal-infiq. Huwa jfakkar li l-Artikolu 317 TFUE jipprevedi li r-Regolament Finanzjarju li jistipula l-obbligi ta' kontroll u ta' awditu tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-baġit u r-responsabilitajiet li jirriżultaw mill-ġestjoni kondiviża.

Barra minn hekk, billi n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020 għadhom ma tlestewx, għandu jitqies li l-pakkett finanzjarju indikat f'dan ir-regolament ma jistax jiġi determinat qabel ma jintlaħaq ftehim globali. Dan il-ftehim għandu jqis l-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u s-setgħat ġodda tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-ambitu ta' dan ir-regolament, ir-rapporteur jikkunsidra li għandha tingħata aktar attenzjoni lit-traffikar tal-ispeċijiet protetti, li qed isir problema kbira.

Fl-aħħar nett, biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-regolament, jeħtieġ li jitqiesu r-rati ta' kriminalità tal-Istati Membri fl-allokkazzjoni tar-riżorsi - rati li għadhom ivarjaw konsiderevolment - u biex jiġu sfruttati aktar il-possibilitajiet ta' kooperazzjoni mal-Europol.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u li ma jistax jiġi stabbilit sakemm jintlaħaq qbil rigward il-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020;

Emenda 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"¹; itenni li jinħtieġu biżżejjed riżorsi addizzjonali fl-QFP li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista' tilħaq il-prijoritajiet eżistenti tal-politika tagħha u twettaq il-kompiti l-ġodda previsti mit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll sabiex tindirizza sitwazzjonijiet mhux mistennija; jistieden lill-Kunsill, jekk ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, biex jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet politiċi jew il-proġetti tiegħu jistgħu jiġu skartati għal kollox, minkejja l-valur miżjud Ewropej tagħhom li ġie ppruvat; jindika li anke b'żieda fil-livell ta' riżorsi għall-QFP li jmiss ta' mill-anqas 5 % meta mqabbel mal-livell tal-2013, il-kontribut għall-ilħuq tal-oġġettivi u l-impenji miftehma

tal-Unjoni u għall-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni jista' jkun biss wieħed limitat;

¹ *Testi adottati, P7_TA(2011)0266.*

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Sabiex jinkiseb dan l-għan, għandhom jittieħdu azzjonijiet imtejba fuq livell tal-Unjoni għall-protezzjoni ta' persuni u oġġetti minn theddidiet transnazzjonali dejjem jiżdiedu u għall-appoġġ tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. It-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, il-korruzzjoni, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-bnedmin u l-armi, inter alia, jibqgħu jisfidaw is-sigurtà interna tal-Unjoni.

Emenda

(2) Sabiex jinkiseb dan l-għan, għandhom jittieħdu azzjonijiet imtejba fuq livell tal-Unjoni għall-protezzjoni ta' persuni u oġġetti minn theddidiet transnazzjonali dejjem jiżdiedu u għall-appoġġ tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. It-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, il-korruzzjoni, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-bnedmin u l-armi ***u t-traffikar fi speċijiet mħarsa***, inter alia, jibqgħu jisfidaw is-sigurtà interna tal-Unjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 bit-titlu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva¹, il-Parlament Ewropew enfasizza l-ħtieġa ta' approċċ integrat għal kwestjonijiet urġenti tal-immigrazzjoni u l-asil kif ukoll għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, b'finanzjament u strumenti ta' appoġġ suffiċjenti biex jiġu trattati sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li jkunu disponibbli fi

spirtu ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u ta' solidarjetà fost l-Istati Membri kollha, hekk li jkunu rispettati r-responsabbiltajiet nazzjonali u b'definizzjoni ċara tal-kompetenzi. Jinnota wkoll li, f'dan ir-rigward, l-isfidi akbar tal-FRONTEx, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil u l-Fondi għas-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għandhom jitqiesu b'mod xieraq;

¹ *Testi adottati, P7_TA(2011)0266.*

Ġustifikazzjoni

Paragrafu 107 tar-riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2011 "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011¹, il-Parlament Ewropew ikompli jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati sinerġiji aħjar bejn il-fondi u l-programmi differenti u jindika l-fatt li s-semplifikazzjoni tal-ġestjoni tal-fondi u l-possibilità ta' finanzjament transkonfinali jippermettu l-allokkazzjoni ta' aktar fondi għal objettivi komuni, jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas in-numru totali ta' strumenti baġitarji fil-politika tal-intern għal struttura b'żewġ pilastri u bi tmexxija kondiviża fejn ikun possibbli; jemmen li dan l-approċċ għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal aktar semplifikazzjoni, razzjonalizzazzjoni, konsolidazzjoni u trasparenza tal-fondi u l-programmi attwali; Jenfasizza, madankollu, l-bżonn li jkun żgurat li l-objettivi differenti tal-

Ġustifikazzjoni

Paragrafu 109 tar-riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2011 "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Premessa 5**

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Sigurtà Interna u sabiex jiġi żgurat li din issir realtà operazzjonali, l-Istati Membri għandhom ikunu provduti b'appoġġ finanzjarju xieraq tal-Unjoni billi jiġi stabbilit Fond għas-Sigurtà Interna.

Emenda

(5) Għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Sigurtà Interna u sabiex jiġi żgurat li din issir realtà operazzjonali, l-Istati Membri għandhom ikunu provduti b'appoġġ finanzjarju xieraq tal-Unjoni billi jiġi stabbilit ***u mmaniġġjat*** Fond għas-Sigurtà Interna.

Emenda 7

**Proposta għal regolament
Premessa 10**

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-għajnuna finanzjarja f'dawn l-oqsma għandha b'mod partikolari tappoġġja azzjonijiet għall-promozzjoni ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju ta' tagħha, l-iskambju tal-aħjar *prattiċi*, komunikazzjoni u koordinazzjoni faċilitati u siguri, it-taħriġ u l-iskambju tal-persunal, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji, attivitajiet li jżidu l-għarfien, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, ir-riċerka tax-xjenza

Emenda

(10) L-għajnuna finanzjarja f'dawn l-oqsma għandha b'mod partikolari tappoġġja azzjonijiet għall-promozzjoni ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju ta' tagħha, l-iskambju tal-aħjar *prattiki*, komunikazzjoni u koordinazzjoni faċilitati u siguri, it-taħriġ u l-iskambju tal-persunal, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji, ***kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-korpi rilevanti tal-UE***, attivitajiet li jżidu l-għarfien, l-ittestjar u l-

forensika u l-akkwist ta' tagħmir interoperabbli tekniku.

validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, ir-riċerka tax-xjenza forensika u l-akkwist ta' tagħmir interoperabbli tekniku.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Fil-pajjiżi terzi u fir-rigward ta' tagħhom għandhom jittieħdu miżuri *permezz ta' dan l-istrument* b'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni bl-appoġġ tal-istrumenti ta' għajjuna esterna tal-Unjoni, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-oġġettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajjuna esterna. Se jkun hemm ukoll sforzi għal koerenza fil-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Dan l-Istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ tad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

(11) Fil-pajjiżi terzi **li jkunu appoġġjati minn dan l-istrument**, u fir-rigward ta' tagħhom għandhom jittieħdu miżuri b'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni bl-appoġġ tal-istrumenti ta' għajjuna esterna tal-Unjoni, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-oġġettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajjuna esterna. Se jkun hemm ukoll sforzi għal koerenza fil-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza.

Emenda

Ma tapplikax għall-verżjoni Maltija.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-Fond għas-Sigurtà Interna, il-baġit tal-Unjoni allokat għal dan l-istrument finanzjarju għandu jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni **kondiviża** bl-eċċezzjoni ta' azzjonijiet **ta' interess partikolari għall-Unjoni (azzjonijiet tal-Unjoni), għajnuna ta' emerġenza u għajnuna teknika**, li huma implimentati f'ġestjoni **diretta u indiretta**.

Emenda

(13) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-Fond għas-Sigurtà Interna **u l-ġestjoni effiċjenti ta' azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni (azzjonijiet tal-Unjoni), għajnuna ta' emerġenza u għajnuna teknika**, il-baġit tal-Unjoni allokat għal dan l-istrument finanzjarju għandu jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni **diretta u indiretta**, bl-eċċezzjoni ta' azzjonijiet **li jirrikjedu flessibilità amministrattiva u programmi nazzjonali**, li huma implimentati f'ġestjoni **kondiviża**.

Ġustifikazzjoni

L-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni permezz tal-ġestjoni kondiviża għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola (Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju).

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Għar-riżorsi implimentati skont il-ġestjoni kondiviża, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-programmi nazzjonali tal-Istati Membri jkunu allinjati bis-sħiħ mal-prijoritajiet u objettivi fil-livell tal-UE.

Ġustifikazzjoni

It-tagħlimiet meħuda mir-reviżjoni ta' nofs iż-żmien u mill-konsulenza mal-partijiet interessati jissuġġerixxu li l-ġestjoni kondiviża għandha tkun aktar orjentata fuq ir-riżultati u li għandu jitfassal qafas regolatorju komuni.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Ir-riżorsi allokatati lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni permezz tal-programmi nazzjonali tagħhom għandhom jitqassmu abbażi ta' kriterji ċari **u** oġġettivi marbuta mal-ġid pubbliku li għandu jiġi protett mill-Istati Membri u l-livell tal-kapaċità finanzjarja tagħhom sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna, bħad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, id-daqs territorjali tagħhom, in-numru ta' passiġġieri u merkanzija li jgħaddi mill-ajruporti internazzjonali u dawk tal-baħar, in-numru ta' infrastruttura kritika Ewropea u l-prodott gross domestiku tagħhom.

Emenda

(14) Ir-riżorsi allokatati lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni permezz tal-programmi nazzjonali tagħhom għandhom jitqassmu abbażi ta' kriterji ċari, oġġettivi **u li jistgħu jitkejlu**, marbuta mal-ġid pubbliku li għandu jiġi protett mill-Istati Membri u l-livell tal-kapaċità finanzjarja tagħhom sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna, bħad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, id-daqs territorjali tagħhom, in-numru ta' passiġġieri u merkanzija li jgħaddi mill-ajruporti internazzjonali u dawk tal-baħar, in-numru ta' infrastruttura kritika Ewropea u l-prodott gross domestiku tagħhom.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) In-nefqa tal-UE u tal-Istati Membri f'dan il-qasam għandha tkun ikkoordinata aħjar sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kumplimentarjetà, effiċjenza u viżibilità akbar, kif ukoll biex jinkisbu sinerġiji baġitarji aħjar.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18b) Jeħtieġ li jiġi massimizzat l-impatt

*tal-fondi tal-UE billi r-riżorsi finanzjarji
pubbliċi jiġu mobilizzati, ippuljati u użati
bħala lieva.*

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Premessa 18c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(18c) Għall-mekkaniżmi li jinvolve l-baġit
tal-UE għandu jiġi żgurat li jkun hemm l-
akbar trasparenza, responsabilità u
skrutinju demokratiku.*

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Premessa 18d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(18d) It-titjib fl-implimentazzjoni u fil-
kwalità tan-nefqa għandu jikkostitwixxi l-
prinċipji ta' gwida biex jintlaħqu l-
objettivi tal-programm, filwaqt li jiġi
żgurat l-aqwa użu tar-riżorsi finanzjarji.*

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Premessa 18e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(18e) Jeħtieġ li tiġi żgurata l-ġestjoni
finanzjarja soda tal-programm, kif ukoll
l-implimentazzjoni tiegħu bl-aktar mod
effikaċi u sempliċi għall-utent possibbli,
filwaqt li jiġu żgurati wkoll iċ-ċertezza
legali u l-aċċessibilità tal-programm
għall-parteċipanti kollha.*

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 18f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18f) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kull sena l-implimentazzjoni tal-Istrument bl-għajnuna ta' indikaturi ewlenin għall-valutazzjoni tar-riżultati u tal-impatti. Dawn l-indikaturi, inklużi l-linji ta' referenza rilevanti, għandhom jipprovdu l-bażi minima sabiex jiġi vvalutat sa liema punt ikunu intlaħqu l-għanijiet tal-programm.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Sabiex tissupplimenta jew temenda dispożizzjonijiet f'dan l-Istrument rigward id-definizzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ddelegati lill-Kummissjoni li għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell espert. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tfejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ma tapplikax għall-verżjoni Maltija.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, l-inkarigi ta' implimentazzjoni għandhom ikunu ddelegati lill-Istati Membri. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda, tat-trasparenza u n-non-diskriminazzjoni u jiżguraw li l-azzjoni tal-Unjoni tkun viżibbli meta jimmaniġġjaw il-fondi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' kontroll u ta' awditu, u jassumu r-responsabilitajiet eventwali stipulati f'dan ir-Regolament. Dispożizzjonijiet kumplimentari għandhom jiġu stipulati f'regoli speċifiċi għas-settur.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) 'kriminalità organizzata' tfisser imġiba kastigabbli mwettqa minn grupp strutturat ta' tlieta jew aktar pesuni, li jeżisti għal perjodu ta' żmien u jaġixxi flimkien sabiex jikseb, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew ieħor materjali.

(d) 'kriminalità organizzata' tfisser imġiba kastigabbli mwettqa minn grupp strutturat ta' tlieta jew aktar pesuni, li jeżisti għal perjodu ta' żmien u jaġixxi flimkien sabiex jikseb, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew ieħor materjali, ***bi ksur tal-liġi.***

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt a – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tishiĥ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u **ma'** pajjiżi terzi rilevanti.

Emenda

(a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tishiĥ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u **mal-korpi tal-UE u** pajjiżi terzi rilevanti.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt a – it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' operazzjonijiet transkonfinali-konġunti u n-numru ta' dokumenti dwar l-aħjar prattika u avvenimenti organizzati.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti, **ir-rata ta' detenzjoni tal-kriminalità organizzata transkonfinali** u n-numru ta' dokumenti dwar l-aħjar prattika u avvenimenti organizzati.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) miżuri li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri li jikkooperaw mal-Europol u sabiex isir użu aħjar mill-prodotti u s-servizzi tal-Europol;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli;

Emenda

(a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli, ***bħall-estensjoni tal-Applikazzjoni għan-Netzwerk tal-Europol għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) jew l-implimentazzjoni ta' loaders tad-dejta għas-sistema ta' informazzjoni tal-Europol;***

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-riżorsi globali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu EUR 1,128 miljun.

Emenda

1. Ir-riżorsi globali ***indikattivi*** għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu EUR 1,128 miljun.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja ***fi ħdan il-limiti tal-Qafas Finanzjarju.***

Emenda

2. L-appropriazzjonijiet annwali għall-Fond għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja ***mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 u l-***

*Ftehim Interistituzzjonali ta' xxx/201z
bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-
Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fil-
kwestjonijiet baġitarji u l-
amministrazzjoni finanzjarja tajba.*

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-baġit allokat taħt l-Istrument għandu jiġi implimentat taħt ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 55 (1)(b) tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [*Regolament Finanzjarju Ġdid*], *bl-eċċezzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 7, l-għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 8(1) u l-għajnuna ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 9.*

Emenda

4. Il-baġit allokat taħt dan l-istrument għandu jiġi implimentat *taħt ġestjoni diretta jew indiretta (l-azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 7, l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 8(1) u l-assistenza ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 9) jew* taħt ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 55(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [*ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid*].

Ġustifikazzjoni

L-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni permezz tal-ġestjoni kondiviża għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola (Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju).

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Skont l-Artikolu 317 TFUE, ir-responsabilità aħħarija għall-implimentazzjoni tal-baġit hija tal-Kummissjoni.

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 317 TFUE, ir-responsabilità aħħarija għall-implimentazzjoni tal-baġit hija tal-Kummissjoni.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

5. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw b'mod indikattiv kif ġej:

Emenda

5. **Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja**, ir-riżorsi globali għandhom jintużaw b'mod indikattiv kif ġej:

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Taħt il-programmi nazzjonali li għandhom jiġu eżaminati u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali], l-Istati Membri għandhom **jiffukaw fuq** proġetti li jindirizzaw il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni elenkati fl-anness ma' dan ir-Regolament.

Emenda

2. Taħt il-programmi nazzjonali li għandhom jiġu eżaminati u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali], l-Istati Membri għandhom **jimplimentaw** proġetti li jindirizzaw il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni elenkati fl-anness ma' dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Il-programmi nazzjonali għandhom ikunu ffukati fuq proġetti li jindirizzaw il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni mniżżla fl-Anness għar-Regolament.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) proġetti li jtejbu l-għarfien **tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni** fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, **inkluża komunikazzjoni korporattiva fuq il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni**;

Emenda

(g) proġetti li jtejbu l-għarfien **ta' dawn il-politiki** fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali;

Ġustifikazzjoni

Għall-komunikazzjoni tal-għanijiet politiċi tal-Unjoni, huma preveduti linji baġitarji oħrajn.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2015, rapport dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI, għall-perjodu 2011 sal-2013.

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2015, rapport dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI, għall-perjodu 2011 sal-2013. ***F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni Ewropea għandha ttiprovdi evidenza konkreta, jekk din tkun disponibbli, tal-komplementarjetà u s-sinerġiji akkwistati bejn il-fondi tal-UE u l-baġits tal-Istati Membri u tal-effetti skattatur fuq l-Istati Membri tal-baġit tal-UE sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI.***

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 15a

Valutazzjoni

Sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' valutazzjoni dwar l-ilħuq tal-oġġettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Bħala parti minn approċċ ibbażat fuq ir-riżultati, għandha titwettaq reviżjoni ta' nofs iż-żmien tat-tħaddim ta' dan ir-Regolament.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Anness – Lista ta' Prijoritajiet Strateġiċi tal-Unjoni – l-ewwel inċiż

Test propost mill-Kummissjoni

Miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż sesswali tat-tfal u proġetti li jidentifikaw u jżarmaw netwerks kriminali, jipproteġu l-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali u jnaqqsu l-inċentivi finanzjarji billi jissekwestraw, jiffriżaw u jikkonfiskaw assi kriminali.

Emenda

Miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż sesswali tat-tfal ***u t-traffikar ta' speċijiet protetti***, u proġetti li jidentifikaw u jżarmaw netwerks kriminali, jipproteġu l-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali u jnaqqsu l-inċentivi finanzjarji billi jissekwestraw, jiffriżaw u jikkonfiskaw assi kriminali.

PROĊEDURA

Titolu	Il-Fond għas-Sigurtà Interna - Il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet
Referenzi	COM(2011)0753 – C7-0445/2011 – 2011/0368(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 15.12.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 15.12.2011
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Dominique Riquet 15.2.2012
Data tal-adozzjoni	6.9.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 30 - : 2 0 : 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Reimer Böge, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Dominique Riquet, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Maria Da Graça Carvalho, Edit Herczog, Jürgen Klute, Georgios Stavrakakis, Nils Torvalds
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Luigi Berlinguer